MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1506/2003

**Citadel Insurance plc kif surrogata sia bil-polza u sia bil-ligi fid-drittijiet tal-assigurat taghha Sheila Dumbar Smyth u l-istess Sheila Dumbar Smyth**

**Vs**

**Roy sive Rosario D'Agostino**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm253 (mitejn u tlieta u hamsin lira Maltin) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku ghal liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Ra r-Risposta fejn il-konvenut qal li mhux responsabbli ta' dan l-incident.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra r-*Road Accident Report* fejn Sheila Dumbar Smyth bil-vettura FBN 578 tghid:

"Whilst she was driving down the hill to the direction of Pieta saw the other vehicle from the opposite side coming to her direction she swerved her vehicle to avoid the collision but to no avail and the collision occurred."

Il-konvenut jghid:

"Whilst he was driving up the hill to the direction of Floriana vehicle reg. no. CBF 783 which was parked on the left hand side of the road, drove off from its parking space, he in order to avoid the collision swerved to the right and vehicle reg. no. FBN 578 which was coming from the opposite direction collided into his vehicle."

Ra x-xhieda ta' Manuel Galea li huwa *Claims Manager* mas-socjeta' attrici fejn jikkonferma li s-socjeta' attrici hallset id-danni ta' Lm250 (mitejn u hamsin lira Maltin) u Sheila Dumbar Smyth hallset l-*excess* ta' Lm25 (hamsa u ghoxrin lira Maltin).

Ra x-xhieda ta' PC 414 Trevor Micallef fejn jikkonferma r-*Road Accident Report* u l-iskizz.

Ra l-Affidavit ta' Sheila Dumbar Smyth fejn tikkonferma li qalet fir-*Road Accident Report*.

Ra l-Affidavit tal-konvenut fejn qal li kien tiela' t-telgha ta' Sa Maison u nnota li wahda mill-vetturi pparkjati fuq in-naha tal-lemin tieghu kienet qed tipprova tohrog mill-*parking* taghha ghal got-triq u ghalhekk inhasad u zamm il-*brake*.  Jghid li meta kien wieqaf Sheila Dumbar Smyth giet mill-faccata tieghu, jigifieri fuq il-*lane* tieghu, u sar l-impatt.  Jichad li hu mar fuq il-*lane* l-ohra.

Ra x-xhieda ta' Martin Mario Anthony Camilleri li fil-mument ta' l-impatt hu kien ipparkjat u sema' l-*brakes*. Jghid illi ma kienx ghadu sstartja l-magna. Jghid illi ma rax kif gara l-incident izda jghid li l-vettura tal-konvenut spiccat

magenb il-vettura tieghu.  Camilleri jghid illi hu kien ipparkjat fuq in-naha tax-xellug.

Ra x-xhieda tal-konvenut fejn jikkonferma li l-karozza pparkjata li pprova jevita kienet fuq in-naha tax-xellug u mhux fuq il-lemin kif xehed qabel.

**Ikkunsidra**

Li mill-iskizz jirrizulta li z-zewg vetturi spiccaw fuq in-naha taghhom tat-triq u m’hemmx sinjal fejn grat il-habta.  Il-partijiet jiddikjaraw li huma baqghu fuq il-*lane* taghhom. Ezatt wara l-habta l-konvenut qal li kien hemm karozza fuq ix-xellug tieghu u hu, biex jevita l-incident *“swerved to the right”* u b’hekk habat mal-vettura FBN 578 li kienet gejja mid-direzzjoni opposta.
Fl-Affidavit tieghu l-konvenut qal li kien hemm vettura pparkjata fuq il-lemin tieghu.  Din kienet qieghda tipprova tohrog mill-*parking place* u hu nhasad, zamm *brake* u waqaf kif jidher fl-iskizz.  F’dak il-hin, meta hu kien wieqaf giet il-vettura FBN 578 u giet fuq in-naha tieghu tat-triq u dahlet go fih.

Illi l-verzjoni tal-konvenut ezatt wara l-incident hija kompletament differenti mill-verzjoni li ta fil-kawza.  Il-konvenut mhux kredibbli.

Illi dan it-Tribunal jikkonkludi li huwa hafna izjed verosimili li l-konvenut li ex admissis ra vettura hierga mill-*parking* fuq ix-xellug tieghu resaq lejn il-lemin, mar fuq in-naha ta’ l-attrici  u b’hekk ikkaguna l-habta.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut u jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont ta’ Lm253 (mitejn u tlieta u hamsin lira Maltin) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-Ittra Ufficjali datata 6 ta’ Gunju, 2003.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------